# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tal-*11 ta' Marzu 2019***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**
**vs**
**Hana Omar Habish**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Hana Omar HABISH** detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 58609A fejn ġiet mixlija talli f'Mejju 2018 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (in suċċint) :

1. Iffalsifikat jew xjentement għamlet użu miinn marki jew sinjali iffalsifikati jew mibdulin mingħajr il-kunsens tas-sid bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
2. Xjentement għamlet użu minn marka eċċ li fiha indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej bi ksur tal-Artikolu 298(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali;
3. Xjentement qegħdet fiċ-ċirkolazzjoni merkanzija b'marki imxebħin b'qerq bi ksur tal-Artikolu 298(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali;
4. Bil-għan li tieħu vantaġġ, mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju biegħet oġġetti li kellhom fuqhom sinjal bħal dak u dan bi ksur tal-Artikolu 72(1)(b) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Bil-għan li tieħu vantaġġ, mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju kellha fil-pussess tagħha fil-kors tan-negozju tagħha oġġetti bħal dawk bil-għan li tagħmel xi ħaġa li tkun reat taħt il-paragrafu (b) tal-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 72(1)(c) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Kif ukoll li rrendiet ruħha reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
7. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena spettanti skont il-Liġi tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżibiti;
8. Inolte l-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż kollha li għandhom

x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri u dan ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament billi speċifika s-segwenti :

(a) Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni din ġiet kontestata bħala alternattiva għat-tieni imputazzjoni;

(b) Fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, dawn ġew kontestati bħala mezz għall-fini li tiġi mwettqa t-tieni imputazzjoni;

(c) Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, tenut kont tal-fatt li s-sentenza mogħtija fl-2017 kienet tittratta l-piena ta' multa, biss ir-reat kien wieħed li jaqa' fir-relm tad-dritt amministrattiv kif ukoll li l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx wieħed tassattiv.

Rat li l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar u li jinftiehem in-natura tal-imputazzjonjiet li ġew kontestati lilha mill-Prosekuzzjoni kif ukoll il-pieni stabbiliti mill-Liġi li jistgħu jiġu imposti fuqha fil-każ li hija tiġi misjuba ħatja. Il-Qorti tagħat lill-imputata t-twissijiet kollha msemmija fl-artikolu 392(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan qabel ma sar l-eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali dottor Arthur Azzopardi u Alfred Abela tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u dan skont kif ġie speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur aktar qabel.

Il-Qorti wissietha bi kliem sempliċi u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni hija kienet ser tiġi misjuba ħatja u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti għaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkorat ħin lill-imputata sabiex tkun tista' tirrifletti fuq din it-twissija mogħtija lilha mill-Qorti, inkluż billi, jekk trid, tikkonsulta mal-Avukati Difensuri tagħha.

Wara li tagħtha żmien biżżejjed sabiex tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnha, fil-presenza tal-konsulenti legali tagħha u wara li kkonferiet magħhom, l-imputata wieġbet li hija inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputata ħatja.

Il-Qorti rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Frar 2019 il-*Probation Officer* Rhona Agius Custo' ippreżentat ir-rapport tagħha minn fejn jirriżulta li l-imputata kienet persuna idonea biex tippresta servizz fil-komunita.

## ***<u>DEĊIDE</u>***

il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 30, 49, 50, 298(1)(a)(c)(f), 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 72(1)(b)(c) tal-Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lil **Hana Omar HABISH**, fuq l-ammissjoni tagħha stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Kwantu għall-piena l-Qorti qegħdha tikkundanna lil ħatja għall-multa ta' elf ewro (€1000); iżda wara li wkoll rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u stante li l-Qorti tqis li f'dan il-każ jeżistu l-estremi meħtieġa għalbiex tkun tista' tagħmel dan, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-

kundizzjoni li tagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor hija, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Inoltre il-Qorti filwaqt li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha eżibiti f'dawn il-proċeduri tgħaddi sabiex tordna d-disturzzjoni tal-istess eżibiti, u dan taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur li għandu jagħmel proċess verbal relattiv għall-istess distruzzjoni.

Apparti minn hekk stante li ma ġew maħtura ebda esperti matul il-kors ta' dawn il-proċeduri u l-anqas ma jirriżulta li saret xi talba għal ħlas jew kumpens għal danni minn xi parte civile, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri għat-talba tal-Prosekuzzjoni aktar il-fuq imsemmija ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ben intiż li dan qed isir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe drittijiet ċivili ta' terzi persuni fil-fora kompetenti.

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

***Mogħtija illum il-11 ta' Marzu 2019 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Seduta tal-*11 ta' Marzu 2019***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**
**vs**
**Hana Omar Habish**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, ***Hana Omar HABISH*** ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li tħares din l-Ordni jew tagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ tkun tista' tiġi kkundannata għar-reat li għalih qegħda tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħatja wriet li trid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħatja ***Hana Omar HABISH*,** **numru tal-karta tal-identita 58609A** u 49, Liliana, Block A, Flat 9, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, tagħti **mitt (100) siegħa xogħol/servizz fil-komunita'** li jiġi assenjat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', tirraporta lil u żżomm dak il-kuntatt

regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita′ maħtur lilha u twettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilha skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta′ servizz fil-komunita′, il-ħatja għandha tirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruga lilha mill-Uffiċjal tal-*Probation* u *Parole*;

3. Li twettaq b′mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta′ xogħol siewi fil-Komunita f′dawk il-ħinijiet u għal tul ta′ dak iż-żmien kif speċifikat aktar ′il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita′ maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur;

5. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita′ b′kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tagħha jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita′;

6. Li għandha żżomm ruħha f′kuntatt mal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita′ skont id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita′; u partikolarment li hija

għandha, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, tirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

7. Il-ħatja għandha tiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti*.**

______________________________

**Hana Omar HABISH**

___________________________

*Christianne Borg, Deputat Reġistratur*

***Aaron M. Bugeja, Maġistrat***